




**Kumitat Ewropew
tar-Reġjuni**



**european
youth forum**

Il-Karta Ewropea dwar iż-Żgħażaġħ u d-Demokrazija

- a) Din il-Karta ser tressaq rakkomandazzjonijiet konkreti relatati mal-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażaġh fil-ħajja soċjali, politika u ċivika fi tliet livelli ta' governanza: il-livell lokali u reġjonali; il-livell nazzjonali; u l-livell Ewropew. Hija timmira li tibni u tikkonsolida spazju demokratiku favur iż-żgħażaġh biex tiżgura li l-ilħna taż-żgħażaġh ikunu rappreżentati b'mod formali, kontinwu u permanenti fl-Unjoni Ewropea.
- b) Hija ssegwi approċċ parteċipattiv, li jinvolvi liż-żgħażaġh permezz ta' diversi organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, inklużi fergħat taż-żgħażaġh kemm ta' Partijiet nazzjonali u dawk Ewropej, kif ukoll tal-komunità tal-Politiċi Eletti Żgħażaġħ.
- c) Ir-rakkomandazzjonijiet proposti mressqa mir-rappreżentanti taż-żgħażaġh imsemmija hawn fuq iservu bħala linji gwida għad-diskussjoni kif ukoll bħala eżempji li għandhom jiġu segwiti.
- d) Is-suġġetti tal-Karta huma maqsuma fl-erba' oqsma li ġejjin:
1. L-edukazzjoni, il-kooperazzjoni, l-informazzjoni
 2. L-awtonomizzazzjoni, it-tmexxija u l-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażaġh
 3. Ir-rwol tat-teknoloġiji l-ġodda u d-diġitalizzazzjoni
 4. L-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-politiki u r-rappreżentanza politika

I. Rakkomandazzjonijiet dwar l-edukazzjoni, il-kooperazzjoni u l-informazzjoni

Il-livell lokali u reġjonali:

1. It-tiżni tal-edukazzjoni ċivika kif ukoll l-edukazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, bħala faċilitatur fundamentali ta' ċittadinanza attiva u infurmata u għall-parteċipazzjoni demokratika; filwaqt li jiġu rikonossuti u appoġġjati l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ bħala ċentri ta' kompetenza fejn issir ukoll l-edukazzjoni ċivika.
2. L-iżgurar li l-iskejjel infushom ikunu istituzzjonijiet demokratiċi, li jinvolvu lill-istudenti fi strutturi demokratiċi, u jinkludu inizjattivi parteċipattivi fl-edukazzjoni ċivika, filwaqt li jippromovu wkoll l-iżvilupp tal-ħiliet taċ-ċittadinanza lil hinn mill-iskejjel, pereżempju permezz ta' proġetti fi ħdan il-komunitajiet lokali li jindirizzaw kwistjonijiet topiċi.
3. It-tiżni tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ sabiex tinbena l-kompetenza taż-żgħażaġħ għall-kultura demokratika, u jiġi pprovdut forum għalihom biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv fis-soċjetà minn età żgħira.

Il-livell tal-Istati Membri:

4. Il-finanzjament tal-edukazzjoni ċivika fi ħdan l-edukazzjoni formali u mhux formali, u l-kokreazzjoni tal-kurrikuli fi sħubija mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ.
5. It-titjib tad-disponibbiltà ta' spazji inklużivi għaż-żgħażaġħ, l-istabbiliment ta' ċentri ta' informazzjoni mmexxija flimkien maż-żgħażaġħ, u l-ħolqien u l-koordinazzjoni ta' pjattaformi online bl-għan li jinformaw dwar kwistjonijiet relatati maż-żgħażaġħ u li titwessa' l-parteċipazzjoni.
6. Ir-rikonossiment tal-valur tal-kompetenzi u l-ħiliet miksuba permezz tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ, il-volontarjat, l-edukazzjoni mhux formali, it-tagħlim informali anke fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, u l-validazzjoni tagħhom.
7. Ir-rikonossiment tar-rwol tal-istituzzjonijiet nazzjonali – kulturali, edukattivi, governattivi – fl-iżgurar li l-informazzjoni dwar il-programmi taż-żgħażaġħ u l-politiki relatati maż-żgħażaġħ tkun faċilment disponibbli għaż-żgħażaġħ, inkluż għal gruppi sottorappreżentati u ta' minoranza.

Il-livell tal-UE:

8. It-tiżni u l-promozzjoni tal-programmi taż-żgħażaġħ tal-UE u l-indirizzar tal-ostakli eżistenti, bħall-ostakli finanzjarji, sabiex titwessa' l-parteċipazzjoni u biex aktar żgħażaġħ, inklużi dawk minn gruppi żvantaġġati, jiksbu esperjenza barra mill-pajjiż fi ħdan l-UE; u r-rikonossiment ta' din l-esperjenza permezz ta' krediti ta' studju wkoll.
9. It-titjib tal-aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-programmi taż-żgħażaġħ tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-midja soċjali użata miż-żgħażaġħ.
10. L-indirizzar tad-diżinformazzjoni, il-polarizzazzjoni u r-reati ta' mibegħda.

II. Rakkomandazzjonijiet dwar l-awtonomizzazzjoni, it-tmexxija u l-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażaġh

Il-livell lokali u reġjonali:

11. L-appoġġ għall-bini u l-protezzjoni ta' spazji demokratiċi intersezzjonali għaż-żgħażaġh u miż-żgħażaġh biex jiġi żgurat li l-ilħna taż-żgħażaġh ikunu rappreżentati b'mod formali, kontinwu, u permanenti fiċ-ċiklu tat-tfassil tal-politika, u jeħtieġ li jiġi żgurat ukoll li tali spazji jeżistu kemm fiż-żoni urbani kif ukoll f'dawk rurali.
12. L-inklużjoni tal-eżiti tad-djalogi u l-inizjattivi deliberattivi lokali u reġjonali fit-teħid tad-deċiżjonijiet lokali/reġjonali, u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' parteċipazzjoni kontinwa aktar milli inizjattivi iżolati.
13. L-iżgurar ta' appoġġ finanzjarju u professjonali suffiċjenti u sostenibbli għaċ-ċentri taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, b'mod partikolari dawk li jaħdmu ma' gruppi żvantaġġati.
14. Il-promozzjoni u t-tiħiħ tal-impatt tal-kunsilli lokali eżistenti taż-żgħażaġh u t-twaqqif ta' oħrajn ġodda kif meħtieġ, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu mmexxija miż-żgħażaġh bi prinċipji demokratiċi intersezzjonali u jingħataw għodod konkreti biex jikkontribwixxu għall-formulazzjoni ta' politiki rilevanti.
15. L-użu tal-mekkaniżmu tal-ibbaġitjar parteċipattiv biex tissaħħaħ is-sjieda taż-żgħażaġh.

Il-livell tal-Istati Membri:

16. L-espansjoni ta' spazju ċiviku sikur u favur iż-żgħażaġh u l-protezzjoni tad-drittijiet ċivili u politiċi taż-żgħażaġh.
17. Iż-żieda tal-appoġġ finanzjarju sostenibbli u strutturali għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, sabiex ikunu jistgħu jippromovu aktar il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika u jtejbu l-ħiliet taċ-ċittadinanza, fi spirtu ta' solidarjetà u inklużjoni.
18. Il-kooperazzjoni mal-kapitoli lokali u reġjonali tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh biex jiżviluppaw Test taż-Żgħażaġh¹, filwaqt li jinvolvu wkoll liż-żgħażaġh fil-proċessi tat-tfassil tal-politika, u jiżguraw miżuri ta' mitigazzjoni f'każ li ż-żgħażaġh jiġu affettwati b'mod negattiv mill-politika l-ġdida.
19. Il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tal-istudenti rappreżentattivi u l-unions, filwaqt li jiffaċilitaw ukoll il-ħolqien tagħhom fejn ma jeżistux.
20. Jiġi kkunsidrat li titnaqqas l-età tal-vot biex titħeġġeġ u titrawwem il-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażaġh, flimkien ma' edukazzjoni politika adegwata biex tiġi appoġġjata aktar il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet.

Il-livell tal-UE:

21. L-appoġġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-bini ta' spazji demokratiċi favur iż-żgħażaġh f'kooperazzjoni maż-żgħażaġh, sabiex titrawwem it-tmexxija taż-żgħażaġh u tiġi żgurata l-inklużjoni ta' kwistjonijiet ta' importanza għaż-żgħażaġh.

¹

It-Test taż-Żgħażaġħ huwa għodda ta' valutazzjoni tal-impatt li tiżgura li jitqiesu ż-żgħażaġh meta jiġu deċiżi politiki u liġijiet ġodda. Dan jippermetti li jinħolqu politiki aħjar dejjiema u li jħallu impatt, filwaqt li jitnaqqsu l-inugwaljanzi u jitqiesu l-ħtiġijiet kemm tal-ġenerazzjonijiet attwali kif ukoll ta' dawk futuri.

22. L-għoti ta' appoġġ multilingwi għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, speċjalment dawk li jaħdmu mal-iżjed żgħażaġh vulnerabbli.
23. Il-bini fuq it-tagħlimiet meħuda fil-kuntest tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa biex tkompli tespandi fuq mekkaniżmi parteċipattivi u ta' konsultazzjoni maż-żgħażaġh u tuża bis-siħ il-mekkaniżmi diġà eżistenti, bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ u tiżgura li l-eżiti jiġu segwiti u jitqiesu matul il-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
24. L-infurzar tal-prinċipji tal-impjieġ b'pagamenti dinjitużi li jiżguraw li ż-żgħażaġh Ewropej ikunu jistgħu jiksbu esperjenza ta' xogħol ta' kwalità għolja fi ħdan istituzzjonijiet Ewropej u politiċi f'kundizzjonijiet sikuri u ġusti; il-promozzjoni tal-parteeipazzjoni intersezzjonali taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika Ewropea.

III. Rakkomandazzjonijiet dwar l-aċċess għal teknoloġiji ġodda u d-diġitalizzazzjoni

Il-livell lokali u reġjonali:

25. It-tiħiħ tat-tħejjija diġitali tal-iskejjel u l-għoti ta' tħriġ għall-għalliema u l-istudenti biex itejbu l-ħiliet diġitali, il-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku, inkluż dwar l-użu tad-data personali.
26. L-iżvilupp ta' servizzi ta' self bla ħlas għall-apparat diġitali, fi spazji pubbliċi bħal libreriji jew binjiet municiċpali u fl-iskejjel, sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal teknoloġiji ġodda u jiġi appoġġjat l-apprendiment esperjenzjali.

Il-livell tal-Istati Membri:

27. L-iżgurar ta' konnettività tal-internet b'veloċità għolja affordabbli għal kulħadd, inkluż fiż-żoni inqas żviluppati, remoti jew rurali, u b'mod partikolari għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni formali u informali, inkluż għaċ-ċentri taż-żgħażaġh, jekk meħtieġ permezz ta' ftehimiet ma' fornituri lokali tas-servizzi tal-internet.
28. L-iżgurar li ż-żgħażaġh ikunu jistgħu jipparteċipaw fid-demokrazija permezz ta' għodod diġitali li jkunu sikuri, faċilment aċċessibbli, mhux ristretti u faċli għall-utent.
29. L-eżami ta' metodi alternattivi ta' votazzjoni, bħall-votazzjoni elettronika, biex tippermetti parteċipazzjoni usa' billi jitgħallmu mill-aħjar prattiki.
30. It-tfassil u l-adozzjoni ta' politiki, strateġiji u oqfsa legali li jappoġġjaw il-benesseri diġitali għaż-żgħażaġh, inkluż dwar il-protezzjoni tad-data, is-sikurezza tal-internet u l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni online u d-diskors ta' mibegħda.
31. L-indirizzar tad-distakk diġitali bejn ir-reġjuni/il-bliet filwaqt li tiġi żgurata l-possibbiltà li l-opinjoni jġu espressi b'modi oħra għajr permezz ta' mezzi diġitali biss.

Il-livell tal-UE:

32. It-tfassil ta' politiki u oqfsa leġiżlattivi biex irawmu l-privatezza u s-sikurezza fuq l-internet u l-midja soċjali.
33. Il-protezzjoni tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh milli jiġu kklassifikati bħala politiċi fuq il-midja soċjali, speċjalment meta dawn ikunu kritiċi tal-gvern fil-poter.

34. L-iżgurar u l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni dwar il-fatt li t-teknoloġiji l-ġodda bbażati fuq algoritmi u programmi mhumiex preġudikati ħafna u ma jirriproduċux imġiba diskriminatorja.

IV. Rakkomandazzjonijiet dwar l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fil-politiki u r-rappreżentanza politika

Il-livell lokali u reġjonali:

35. L-iżgurar ta' modi għal parteċipazzjoni sinifikanti, mhux partiġġjana u intersezzjonali taż-żgħażaġh fil-komunità lokali, b'attenzjoni speċjali għaż-żoni rurali, u fil-politika lokali.
36. It-tiżħiħ tad-djalogu bejn iż-żgħażaġh u l-politiċi lokali, l-iżgurar ta' azzjonijiet ta' segwitu u l-promozzjoni ta' inizjattivi mmirati lejn ir-restawr tal-fiduċja bejn l-uffiċjali eletti, il-partiti politiċi u ċ-ċittadini żgħażaġh.
37. Il-kunsiderazzjoni tal-inklużjoni ta' zip lists għall-kandidati żgħażaġh fl-elezzjonijiet fil-livell lokali u l-ġhoti ta' taħriġ u mentoraġġ għaż-żgħażaġh biex jiġu mħeġġa joħorġu għall-elezzjoni.

Il-livell tal-Istati Membri:

38. L-iżgurar ta' modi għal parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh fil-politika nazzjonali, pereżempju permezz tar-rikonossiment tal-Kunsilli Nazzjonali taż-Żgħażaġħ u n-networks tagħhom, u l-kooperazzjoni magħhom.
39. Il-promozzjoni tal-kooperazzjoni mal-fergħat taż-żgħażaġh tal-partiti politiċi u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi taż-żgħażaġh biex ikomplu jsaħħu l-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet u l-involvement politiku b'mod aktar wiesa', u l-iżgurar li l-interessi taż-żgħażaġh jiġu inklużi fil-programmi politiċi, inkluż permezz ta' konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh rilevanti u rappreżentattivi.
40. L-implimentazzjoni ta' politiki taż-żgħażaġh ibbażati fuq l-evidenza fil-livelli kollha u ż-żieda tal-finanzjament għar-riċerka dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh u l-iżgurar tal-ġbir trasparenti ta' data diżaggregata skont il-ġeneru u l-età.
41. Iż-żieda fl-investiment f'konformità mal-prijoritajiet taż-żgħażaġh fil-livell nazzjonali, speċjalment għall-gruppi żvantaġġati.
42. It-tiżħiħ tad-djalogu u l-koordinazzjoni bejn il-ministeri responsabbli għal kwistjonijiet taż-żgħażaġh sabiex jittejbu t-tfassil u l-evalwazzjoni effettivi tal-politika.
43. Jiġi kkunsidrat li jinħolqu zip lists taż-żgħażaġh ta' mandati politiċi biex ikun hemm spazju għaż-żgħażaġh fil-politika formali, u jiġu inklużi wkoll talbiet speċifiċi għaż-żgħażaġh fil-programm politiku tal-partiti politiċi.
44. It-tiżħiħ tal-iżvilupp u l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet umbrella u politiċi taż-żgħażaġh, kif ukoll l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali.
45. L-iżgurar tal-aċċessibilità tal-informazzjoni anke permezz ta' pjattaformi online dwar il-proċeduri ta' votazzjoni u jiġu kkunsidrati kampanji mmirati maħsuba għaż-żgħażaġh, speċjalment qabel l-elezzjonijiet, b'pakketti ta' informazzjoni speċifiċi għall-votanti għall-ewwel darba.

Il-livell tal-UE:

46. Il-promozzjoni tal-iskambju ta' fehmiet u l-ġbir ta' data dwar l-impatt tat-tnaqqis tal-età tal-vot għal 16-il sena, kif ukoll it-tnaqqis tal-età għall-kandidaturi.
 47. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet umbrella taż-żgħażaġh tal-UE u s-sezzjonijiet taż-żgħażaġh tal-partiti politiċi tal-UE.
 48. It-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni mill-perspettiva taż-żgħażaġh (test taż-żgħażaġh) biex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni u l-politika ġodda kollha tal-UE jkunu soġġetti għal valutazzjoni tal-impatt iċċentrata fuq iż-żgħażaġh, inkluża konsultazzjoni ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u esperti taż-żgħażaġh fil-livell tal-UE u l-iżvilupp ta' miżuri ta' mitigazzjoni f'każ li jiġi identifikat impatt negattiv.
 49. L-investment fi sforzi konkreti, bħal kampanji mmirati fit-tul, biex tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, u titqies l-inklużjoni ta' zip lists għal kandidati żgħażaġh għal elezzjonijiet Ewropej bħal dawn.
-